ISSN 1830-513X

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

# KESE info

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
pont bejn l-UE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili
Marzu 2017 | MT



## EDITORJAL

### Għeżież qarrejja,

**"L-Ewropa Tiegħek, Leħnek" u s-60 sena mit-Trattat ta' Ruma**

Ninsab hawnhekk fil-belt kapitali tal-Italja, fis-sena li fiha qed niċċelebraw is-60 anniversarju mit-Trattat ta' Ruma, għal konferenza organizzata mill-KESE dwar xejn inqas mill-ġejjieni tal-Ewropa.

Meta n-nies jgħiduli li ma tantx hemm għalfejn niċċelebraw, nistaqsi lili nnifsi jekk humiex qed jirriflettu bil-galbu.

Ir-raġuni għall-ħolqien ta' Ewropa magħquda tinsab, issa aktar minn qatt qabel, fil-qalba tad-deċiżjonijiet ekonomiċi, soċjali u politiċi tal-Istati Membri – u anke ta' pajjiżi oħra li mhumiex fl-Unjoni.

Xi wħud forsi jgħidu li l-Ewropa qatt ma kienet aktar maqsuma, u li l-poplu tagħha huwa kompletament maqtugħ mill-proġett Ewropew. Iżda dan huwa minnu?

Jista' jkun li l-għexieren ta' snin ta' paċi – għalkemm b'xi episodji vjolenti – mhumiex biżżejjed biex jikkonvinċu lill-Ewropej biex ikollhom fiduċja f'sitwazzjoni li qabel kienet impossibbli minħabba d-differenzi bejn il-pajjiżi? It-tkabbir ekonomiku u t-titjib sostanzjali tal-benessri tan-nies, anke jekk kien hemm b'mod ċar tbatija ġenwina min-naħa ta' ċerti gruppi soċjali, b'mod partikolari ż-żgħażagħ u l-anzjani, mhumiex raġuni biżżejjed biex napprezzaw dak li nkiseb?

U l-iżvilupp impressjonanti tal-għarfien, aspejjeż tal-moviment liberu tal-persuni u l-merkanzija ma jagħmilniex kburin u jagħmel il-ħajja soċjali, kulturali, ekonomika u politika tagħna aktar faċli?

Nemmen li t-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet kollha għandha tkun pożittiva.

Bħalissa hemm bosta bl-għajta ta' "*mea culpa*", b'diskorsi fil-miftuħ dwar ir-responsabbiltà individwali ta' dawk fil-gvern fil-konfront tan-nuqqas ta' fiduċja tan-nies fl-Ewropa, jew "Brussell".

Tabilħaqq huwa ferm eħfef li nwaħħlu fi Brussell għal dak kollu ħażin li jiġri f'ħajjet in-nies, u fl-istess ħin intellgħu fuq pedestall lill-gvernijiet meta jsostnu li akkwistaw li riedu fin-negozjati. Ta' spiss inwaħħlu fl-hekk imsejħa "bużżieqa ta' Brussell" għal kull ħaġa ħażina u għal kull traġedja.

Naħseb li din l-attitudni hija profondament inġusta fil-konfront ta' dawk li ħolqu dan il-pjan għall-paċi u l-prosperità fl-Ewropa. Il-proġett konġunt li dawk l-irġiel u n-nisa sawru sa mill-bidu nett kien xprunat mix-xewqa li l-affarijiet imorru għall-aħjar għan-nies u n-nazzjonijiet.

Inħeġġeġ lil dawk li – xi kultant ġustament – jikkritikaw l-integrazzjoni Ewropea biex jagħmlu eżerċizzju fundamentali: janalizzaw il-prezz tan-"non-Ewropa". Iva, jeħtieġ li nkunu realistiċi: anke issa li msieħeb tant importanti bħar-Renju Unit ser jitlaq, irridu nixtarru l-konsegwenzi għaċ-ċittadini Ewropej jekk dan il-proġett ammirevoli jkollu jintemm. L-impressjoni tiegħi hija li l-kritika inġusta tal-Ewropa ma tirriflettix dan fil-fond dwar dan.

Mhux lakemm wieħed jgħid "ma hemmx alternattiva". Fil-fehma tiegħi, jeħtieġ li nkomplu nfittxu soluzzjoni li, minkejja d-diffikultajiet u t-tbatija terribbli hi u tiġi implimentata, tkun l-iżjed adatta biex tindirizza t-tħassib ta' eluf ta' ċittadini – żgħażagħ jew inqas żgħażagħ, impjegaturi jew trejdjunjonisti, ilkoll b'ideat jew twemmin politiku differenti – fil-qosor, kull wieħed u waħda minna li ngħixu hawnhekk.

F'Marzu, ser nilqgħu fi ħdan il-KESE żgħażagħ minn madwar l-Ewropa kollha biex niċċelebraw flimkien is-60 sena mit-Trattat ta' Ruma. Ser jintalbu jaħsbu mill-ġdid dwar il-futur tal-Ewropa. L-avveniment "L-Ewropa Tiegħek, Leħnek" ser jipprovdi opportunità eċċellenti għall-KESE sabiex jilqa' ideat ġodda dwar il-futur tal-Ewropa, li ċertament ilkoll kemm aħna ser naħdmu qatigħ għalih.

L-Ewropa dejjem ser tkun dak li l-popli tagħha jixtiquha li tkun. Issa, għandhom "menu" minn fejn jagħżlu. Nittamaw li jagħżlu b'mod għaqli, fl-interess tal-paċi u l-prosperità għal kulħadd. Ejjew issa nisimgħu liż-żgħażagħ tal-Ewropa.

Huma wkoll iridu l-paċi u l-prosperità, l-istess affarijiet li, minkejja l-problemi kollha, gawdejna f'dawn l-aħħar 60 sena!

**Gonçalo Lobo Xavier**
Viċi President tal-KESE

## DATI GĦAD-DJARJU

**6 ta' April / KESE, Brussell**
*L-industrija tal-prodotti ffalsifikati u l-piraterija,* seduta pubblika

**11 ta' April / KESE, Brussell**
Jum l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej: Nipparteċipa

**26-27 ta' April / KESE, Brussell**
Sessjoni plenarja tal-KESE

## F'DIN IL-ĦARĠA

**2** L-UE għandha tkun minn ta' quddiem biex tgħaqqad il-kummerċ agrikolu mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs)

**3** Il-migrazzjoni teħtieġ kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà

**3** *Sittin sena ta' Komunità Ewropea – Ejjew insawru l-ġejjieni!*

## Politika komprensiva sabiex tiggwida l-bidla fl-industrija tal-karozzi



© Shutterstock

It-tranżizzjoni għall-elettromobbiltà u l-iżvilupp ta' karozzi konnessi u tas-sewqan awtonomu ser titlob politika industrijali komprensiva flimkien ma' politika bbilanċjata fil-qasam tal-klima, l-ambjent u l-enerġija. Dan huwa l-messaġġ ewlieni tar-rapport tal-KESE dwar **"L-industrija tas-settur tal-karozzi fuq l-għatba ta' paradigma ġdida?"**, li jitlob li l-Grupp ta' Livell Għoli GEAR 2030 jiżviluppa pjan direzzjonali ta' politika li jkun ambizzjuż u fuq perjodu twil ta' żmien.

*"L-industrija awtomobilistika tinsab f'salib it-toroq. L-isfidi huma diversi, inkluż il-futur tal-magna bil-kombustjoni, il-katina tal-provvista jew saħansitra min se jsuq il-vettura, jekk dan hux ser ikun hemm bżonnu wara kollox. Kważi kull ma kien validu u universali fl-industrija tal-karozzi għal għexieren ta' snin, issa qed jiġi kkontestat*", qalu r-relaturi **Georgi Stoev** u **Monika Sitarova Hrusecka.**

Il-bidliet strutturali inevitabbli jistgħu jħarbtu l-elementi kollha tal-katina tal-valur eżistenti u jwasslu għal mudelli ġodda ta' negozju. *"Irridu nenfasizzaw l-isfidi enormi li l-industrija tal-karozzi u dik awtomobilistika qed tiffaċċja, iżda wkoll il-potenzjal konsiderevoli tagħha għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi ġodda, jekk nimplimentaw il-qafas adatt ta' politika. Jinħtieġu approċċ ta' politika li jħares 'il quddiem u koordinazzjoni u kooperazzjoni fil-livell Ewropew biex is-settur jiġi megħjun jadatta ruħu malajr għall-kundizzjonijiet li qed jinbidlu*", qal is-**Sur Stoev**.

Ir-rapport janalizza erba' sfidi prinċipali li bħalissa qed jolqtu l-industrija awtomobilistika: l-elettrifikazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport; id-diġitalizzazzjoni tal-proċess tal-produzzjoni; is-sewqan awtonomu; u l-karozzi konnessi. (sma)

## Hija biss ekonomija b'saħħitha li tista' tippermetti lill-Ewropa tegħleb it-tempesta



© Shutterstock

Huwa essenzjali li jiġi promoss it-tkabbir ekonomiku; huwa biss jekk l-Ewropa jkollha ekonomija b'saħħitha li tista' tiffaċċja aħjar l-isfidi politiċi u soċjali li jinsabu quddiemha. Dan kien wieħed mill-messaġġi ewlenin tal-opinjonijiet tal-KESE adottati fi Frar li għadda. Il-KESE jemmen li l-pjan ta' Juncker mhux biżżejjed u jappella għal aktar investiment privat u pubbliku.

Fl-opinjoni dwar "***Il-politika ekonomika taż-żona tal-euro"***, ir-relatur **Javier Doz Orrit** u l-korelatur **Petr Zahradnik** jenfasizzaw li l-UE għandha timplimenta taħlita bbilanċjata ta' strumenti monetarji, fiskali u strutturali biex joħolqu l-investiment u t-tkabbir. L-opinjoni tappoġġja l-proposta oriġinali tal-Kummissjoni li tiġi stabbilita pożizzjoni fiskali aggregata u pożittiva għaż-żona tal-euro u tappella li tinħoloq Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti, garanzija ta' kontinġenza komuni għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni tal-Unjoni Bankarja u baġit komuni speċifikament għaż-żona tal-euro.

Fl-opinjoni tiegħu dwar ***"L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2017",*** il-KESE jappella wkoll għal flessibbiltà fil-governanza tal-UE u jirrakkomanda li jintużaw soluzzjonijiet imfassla apposta. Ir-relatur **Etele Barath** jemmen li l-UE għandha bżonn ta' approċċ "lil hinn mill-PDG" għat-tkabbir, li jkun jirrikjedi analiżi orjentata lejn ir-riżultati, b'indikaturi għal miri soċjali, ambjentali u sostenibbli, flimkien mal-promozzjoni tal-progress soċjali.

Fil-fehma tal-Kumitat, hija essenzjali ħarsa ġenerali ċara u komprensibbli fit-tul tal-pożizzjonijiet politiċi u strateġiċi, waqt li tqis l-għaxar prijoritajiet ta' Juncker u l-miri tal-UE għall-2030. (mm)

**www.eesc.europa.eu**

# L-UE għandha tkun minn ta' quddiem biex tgħaqqad il-kummerċ agrikolu mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs)



Il-kummerċ agrikolu qatt ma kien daqshekk importanti jew daqshekk kontroversjali. Lura fiċ-ċentru tal-attenzjoni bil-vot reċenti tal-PE favur is-CETA, l-attenzjoni globali qed iddur ukoll fuq il-Konferenza Ministerjali tad-WTO li jmiss aktar tard din is-sena. Għal darb'oħra, is-suġġett huwa mistenni jiddomina u l-UE għandha taqdi rwol fundamentali.

Madankollu, il-kummerċ agrikolu huwa wkoll kruċjali għall-implimentazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). L-UE tinsab f'pożizzjoni tajba biex tmexxi dan il-proċess, billi hija l-akbar esportatur u importatur ta' prodotti agrikoli, u għandha interess ċar fil-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli u għandha l-kredibbiltà biex taqdi rwol ta' pont effettiv bejn il-pajjiżi żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw.

"*Issa wasal iż-żmien li l-UE tieħu rwol ta' mexxejja biex tmexxi 'l quddiem din l-aġenda globali*", qal **Jonathan Peel**, relatur tal-Opinjoni tal-KESE dwar "**L-agrikoltura fin-negozjati kummerċjali**" adottata fit-22 ta' Frar. "*L-UE għandha tibni fuq diversi riformi reċenti tal-PAK. Din diġà wriet waqt l-aħħar Konferenza Ministerjali tad-WTO li kapaċi tipproduċi ħsieb frisk u bbilanċjat — li kien kruċjali meta ftit kienu dawk li stennew eżitu pożittiv. Għal darb' oħra, nistennew li l-UE tkun pass 'il quddiem mill-imsieħba kummerċjali tagħna*".

Fl-Opinjoni tiegħu, il-KESE jipprovdi rakkomandazzjonijiet għal progress multilaterali u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħmel valutazzjoni talimpatt dwar l-effetti possibbli fuq il-kummerċ agrikolu tal-SDGs, il-Ftehim ta' Pariġi u ftehimiet kummerċjali reċenti tal-UE. (sma)

# Huwa meħtieġ investiment sostanzjali fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-UE, jgħid il-KESE




Fis-sessjoni plenarja ta' Frar, il-KESE adotta Opinjoni esploratorja dwar ***Edukazzjoni ta' Kwalità Għolja għal Kulħadd*** li tfasslet fuq talba tal-Presidenza Maltija tal-UE. Filwaqt li jilqa' l-enfasi tal-Presidenza dwar din il-kwistjoni, il-KESE għamilha ċara li kieku l-Istati Membri kellhom isegwu l-politiki ta' awsterità implimentati wara l-kriżi, ma jkunux jistgħu jagħmlu l-investimenti meħtieġa biex jagħmlu l-edukazzjoni pubblika ta' kwalità għolja effettivament aċċessibbli għal kulħadd. Dan irid ikun prijorità għolja sabiex jiġi miġġieled il-faqar, li qed jinxtered malajr fl-Ewropa, filwaqt li ħafna studji u rapporti reċenti jindikaw li hemm rabta mill-qrib bejn il-faqar edukattiv u d-dħul baxx.

Il-KESE identifika għadd ta' oqsma ta' prijorità għal azzjoni, fosthom:

- it-titjib fl-appoġġ għal edukazzjoni bikrija fit-tfulija u t-tagħlim tul il-ħajja;
- l-iżgurar li l-edukazzjoni tkun tindirizza l-isfidi tal-globalizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u bidliet fid-dinja tax-xogħol;
- il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' taħriġ għal studenti li jħallu l-iskola ta' età żgħira, ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u ħaddiema migranti;
- ir-rikonoxximent tal-edukazzjoni mhux formali u informali;
- it-titjib fl-investiment fit-taħriġ tal-għalliema;
- l-għalliema jiġu pprovduti b'kondizzjonijiet tax-xogħol u salarji aħjar;
- it-titjib tal-investiment pubbliku fl-edukazzjoni u t-taħriġ;
- l-investiment fl-infrastruttura edukattiva u għodod, bħalma huwa s-settur tal-ICT;
- isir użu aħjar mill-Fondi tal-UE għall-appoġġ ta' E&T, riċerka u innovazzjoni ta' kwalità;
- it-tisħiħ madwar l-UE ta' opportunitajiet ta' mobbiltà għal studenti, akkademiċi, għalliema, ħarrieġa u riċerkaturi.

Barra minn hekk, il-KESE ħa pożizzjoni dwar l-***Aġenda Ġdida għall-Ħiliet*** tal-Kummissjoni Ewropea. Illum il-ġurnata, madwar 70 miljun Ewropew huma nieqsa minn ħiliet adegwati fil-qari, il-kitba u n-numeriżmu, u aktar minn 20% effettivament ma jistgħux jaħdmu b'kompjuters, filwaqt li 'l fuq minn 30% ta' żgħażagħ bi kwalifiki għolja qed jaħdmu f'impjiegi li ma jikkorrispondux mat-talenti u mal-aspirazzjonijiet tagħhom u 40% ta' min iħaddem fl-Ewropa ma jistgħux isibu nies bil-ħiliet adatti biex jikbru u jkunu innovattivi. Biex jiġi indirizzat dan id-distakk u spariġġ fil-ħiliet, il-Kummissjoni pproponiet sett ġdid ta' miżuri. Madankollu, fil-fehma tal-KESE, l-aġenda l-ġdida hija aktar pass fid-direzzjoni t-tajba milli bidla radikali. Huma meħtieġa soluzzjonijiet iżjed innovattivi: uħud minn dawn is-soluzzjonijiet diġà huma implimentati f'xi pajjiżi Ewropej u jistgħu jiġu trasferiti lejn pajjiżi oħra. Perspettivi soċjali u dwar is-sessi jeħtieġ ukoll li jiġu kkunsidrati, it-tagħlim mhux formali u informali jeħtieġ li jiġi rikonoxxut u l-intraprenditorija għandha tiġi promossa bħala kompetenza essenzjali tal-ħajja.

Il-KESE jissuġġerixxi li l-Aġenda tiġi akkomodata f'qafas makroekonomiku abilitanti fejn l-investiment fil-ħiliet u l-kapaċitajiet tan-nies ma jiġix trattat bħala spiża iżda nefqa li ġġib benefiċċji pożittivi matul iż-żmien. Barra minn hekk, kontribuzzjonijiet magħmula mill-Istati Membri biex ikopru l-infiq fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ m'għandhomx jiġu inklużi fil-qafas użat biex jiġi kkalkolat id-defiċit tal-baġit tagħhom. (dm)

# Il-KESE jsejjaħ għal parteċipazzjoni aħjar ta' persuni b'diżabilità fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' rispons umanitarju

Id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità għandhom jiġu integrati fil-politiki u l-programmi kollha tal-UE għall-migranti u r-refuġjati, kif preskritt fl-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD), li daħlet fis-seħħ fl-UE fl-2011. Il-KESE jsejjaħ ukoll għal parteċipazzjoni mtejba ta' persuni b'diżabilità fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' rispons umanitarju.

Dawn kienu fost il-konklużjonijiet ewlenin ta' seduta ta' smigħ pubblika dwar is-sitwazzjoni tar-refuġjati u l-migranti b'diżabilità, li saret mill-Grupp ta' Studju Permanenti tal-KESE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità fl-14 ta' Frar 2017. L-għan tal-avveniment kien li jiġbed l-attenzjoni lejn is-sitwazzjoni tar-refuġjati u l-migranti b'diżabilità, permezz ta' sensibilizzazzjoni fost organizzazzjonijiet li jaħdmu ma' refuġjati dwar id-drittijiet u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilità.



Fl-ewwel sessjoni ta' ħidma, l-enfasi kienet fuq is-sitwazzjoni fil-Greċja, bħala segwitu taż-żjara tal-KESE f'Lesbos u Ateni f'Ottubru 2016. It-tieni sessjoni tat ħarsa lejn dak li l-UE u s-soċjetà ċivili jistgħu jagħmlu biex tiġi indirizzata l-kriżi tar-refuġjati, b'mod partikolari fir-rigward tal-migranti u r-refuġjati vulnerabbli.

"*Irridu nagħmlu minn kollox biex nilqgħu lir-refuġjati, b'mod speċjali dawk b'diżabilità. L-idea li dawn ser jieħdu l-impjiegi tagħna huwa sempliċement żbaljat*", qal **Georges Dassis**, il-President tal-KESE, fid-diskors tal-ftuħ tiegħu. "*L-Istati Membri għandhom obbligu legali u morali biex jilqgħu lir-refuġjati b'solidarjetà u b'mod uman.*"

"*Hemm bżonn qafas komuni ta' akkoljenza għal persuni b'diżabilità, kif ukoll miżuri u programmi biex jiġu integrati fis-soċjetà*", żied jgħid **Ioannis Vardakastanis**, membru tal-KESE u President tal-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità.

L-aktar xhieda kommoventi kienet bla dubju dik ta' **Ibrahim Al Hussein**, refuġjat Sirjan li tilef riġel hu u jipprova jsalva ħabib waqt attakk bil-bombi. "*Kont qisni għasfur imġarrab, jipprova jtir iżda ma jistax juża ġwinħajh. Fil-Greċja twelidt mill-ġdid, grazzi għas-solidarjetà tal-poplu Grieg*". (va)

## VIDJO

### Insawru l-Ewropa – kif il-ħidma tal-KESE issawwar ħajjitna ta' kuljum

Il-vidjo ta' sitt minuti juri kif, permezz tal-membri tiegħu, il-KESE jipprovdi mezz uniku għall-involviment attiv tas-soċjetà ċivili fil-proċess ta' politika u tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE. Abbażi tal-għarfien espert, il-Kumitat adotta eluf ta' opinjonijiet li jgħinu biex titjieb il-ħajja ta' ċittadini ordinarji tal-UE.




Dawn l-opinjonijiet sawru l-Ewropa billi jippromovu l-impjieg u prattika tajba f'oqsma bħalma huma l-ambjent, il-politika tal-enerġija, l-avjazzjoni u l-ekonomija soċjali. Huma ħeġġew il-prinċipji tad-demokrazija, tal-libertà u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja u favur id-drittijiet indaqs għaċ-ċittadini kollha tal-UE, speċjalment dawk l-iżjed vulnerabbli.

Intrapriżi tal-ekonomija soċjali, il-faqar u l-industrija tal-avjazzjoni tal-UE: dawn huma wħud mill-eżempji meħudin fil-prattika li juru kif il-ħidma tal-KESE ssawwar ħajjitna ta' kuljum. Il-presidenti tat-tliet gruppi tal-KESE jiddiskutu dwar kif l-interessi li l-membri tagħhom jirrappreżentaw ġew difiżi fil-livell tal-UE. (mm)

# In-nies lokali huma l-ixpruni ewlenin tal-iżvilupp rurali

Il-viżjoni u t-tmexxija huma l-aktar kundizzjonijiet importanti għall-iżvilupp rurali. Skemi ta' appoġġ pubbliku li jkunu mmirati u li jistgħu jiġu ġestiti b'mod faċli ser jiżguraw is-suċċess tiegħu. Din kienet l-aktar lezzjoni importanti tas-seduta tal-KESE dwar "**L-irħula u l-bliet iż-żgħar bħala xpruni għall-iżvilupp rurali**", li saret fl-14 ta' Frar fi Brussell. Ir-riżultati ewlenin ta' din is-seduta se jikkontribwixxu għall-Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KESE.

Ir-rivitalizzazzjoni taż-żoni rurali hija proġett kbir li l-Ewropa għandha twettaq permezz ta' sforz kollettiv. "Il-kampanja hija taċ-ċittadini kollha; għalhekk jinħtieġ is-sehem ta' kulħadd. Irridu niżviluppaw il-kunċetti adatti mal-persuni fuq il-post u nsaħħu l-viżibbiltà tal-irħula u l-bliet iż-żgħar," qal **Tom Jones**, ir-relatur ta' din l-Opinjoni. Piroska Kallay, President tal-Grupp ta' Studju, issoktat tgħid li: "L-irħula huma ċ-ċentri soċjali fejn jiġu mgħallma l-valuri u l-ħiliet soċjali u fejn tingħata xhieda tas-soċjetà koeżiva."


© Shutterstock

L-isfidi huma enormi. Iż-żoni rurali ilhom sejrin lura għal bejn wieħed u ieħor dawn l-aħħar 30 u 40 sena, u dan iwassal għal infrastruttura bażika dgħajfa, ftit opportunitajiet ta' xogħol, sistemi sottożviluppati tat-trasport pubbliku, popolazzjoni li qed tixjieħ, eċċ. Madankollu, l-innovazzjoni tista' tipprovdi soluzzjonijiet għal kważi kull problema. Is-seduta pprovdiet eżempji ta' prattiki tajbin minn żewġt irħula rurali: re'r Ddol (Wales, ir-Renju Unit) u Kozard (l-Ungerija). Barra minn hekk, l-ECOVAST semma eżempji tajbin mill-Kroazja u l-Awstrija spjegat l-approċċ li rnexxa tagħha li jikkonsisti f'li jinħolqu sħubijiet mal-irħula. (sma)

# Il-migrazzjoni teħtieġ kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà




It-3 Forum dwar il-Migrazzjoni, avveniment konġunt mill-Kummissjoni u l-KESE, laqqa' aktar minn 200 espert mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tat-28 Stat Membru tal-UE. Dawn ir-rappreżentanti ħeġġu lill-Istati Membri biex jonoraw il-ftehim komuni tagħhom dwar ir-rilokazzjoni tal-migranti u biex ibiddlu n-narrattiva dwar il-migrazzjoni bħala antidotu kontra l-biża' u t-tħassib mifruxa minn populisti tal-lemin.

Il-Kummissarju Dimitris Avramopoulos fetaħ l-avveniment flimkien mal-President tal-KESE Georges Dassis, li ddikjara li "Għandna obbligu mhux biss morali iżda wkoll legali li nilqgħu lir-refuġjati, abbażi tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra." Il-kelliema argumentaw li jeħtieġ li jiżdiedu l-isforzi għall-integrazzjoni, waqt li l-belt ta' Mechelen ġiet ippreżentata bħala xempju ta' politika dwar l-integrazzjoni tal-migranti li kellu suċċess.

Il-parteċipanti appellaw ukoll għal rotot sikuri u legali biex tiġi ffaċilitata r-riunifikazzjoni tal-familji. Il-membru tal-KESE José Antonio Moreno Diaz ikkumenta dwar il-problema tas-segmentazzjoni tal-politika tax-xogħol, u appella għal approċċ Ewropew konsistenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-migranti għax-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali.

**Muhannad Bitar,** refuġjat Sirjan, ġie mistieden jirrakkonta l-istorja tal-vjaġġ tiegħu lejn l-Ewropa – odissea ta' vjolenza, biża' u telf. Is-Sur Bitar qal dan fil-qosor: "Matul il-vjaġġ tiegħi rajt l-agħar u l-aqwa tal-Ewropa". (sma)

# Il-membri tal-KESE żaru studenti tat-33 skola ta' "L-Ewropa Tiegħek, Leħnek"




Fi Frar u f'Marzu, membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew żaru l-iskejjel f'pajjiżhom biex iħejjuhom għas-sessjoni "L-Ewropa Tiegħek, Leħnek". "L-Ewropa Tiegħek, Leħnek" hija assemblea Ewropea taż-Żgħażagħ li tiġbor flimkien 33 skola mill-pajjiżi tal-UE u dawk kandidati sabiex jiddibattu dwar il-futur tal-Ewropa, u ser issir fil-KESE fi Brussell fit-30-31 ta' Marzu 2017.

Il-membri ħadmu mal-istudenti u ma' għalliem wieħed qabel il-laqgħa ta' Marzu biex iħejju t-tweġibiet għal xi wħud mill-mistoqsijiet ewlenin dwar l-Ewropa bħalissa:

- il-benefiċċji, il-kisbiet u n-nuqqasijiet tal-Unjoni Ewropea;
- l-isfidi u l-opportunitajiet li qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea;
- il-futur tal-Ewropa mill-perspettiva taż-żgħażagħ Ewropej u x'kieku jagħmlu biex itejbuh.

Il-membri tal-KESE pprovdew lill-istudenti bi gwida dwar kif se jitmexxa d-dibattitu fi Brussell u infurmawhom dwar l-attivitajiet tal-KESE u kif dan jirrappreżenta leħen is-soċjetà ċivili fl-Ewropa. Wara ż-żjara, l-paġna tal-Facebook ta' "L-Ewropa Tiegħek, Leħnek" ġiet aġġornata bi stqarrija għall-istampa u ritratti mill-iskola.

**Fit-30-31 ta' Marzu 2017,** l-istudenti se jkollhom l-opportunità li jressqu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom dwar il-futur tal-Ewropa lill-membri tal-KESE. Fi tmiem l-avveniment mifrux fuq jumejn, l-istudenti kollha mbagħad se jivvutaw għat-tliet proposti li jemmnu li se jkunu l-aktar effettivi biex ibiddlu l-futur tal-Ewropa. (ks)

# Mudelli ekonomiċi ġodda u l-innovazzjoni soċjali: opportunità għal Ewropa aħjar




Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ngħaqad mal-Forum Globali New Economy and Social Innovation (NESI) u l-Global Hub for the Common Good sabiex jiġi arrikkit id-dibattitu Ewropew b'kontribut minn komunitajiet involuti direttament fl-ekonomiji kollaborattivi, ċirkolari u funzjonali. Fis-16 ta' Frar laqqgħu flimkien rappreżentanti missettur pubbliku u privat għal avveniment fi Brussell bl-isem ***Mudelli ekonomiċi ġodda u l-innovazzjoni soċjali: opportunità għal Ewropa aħjar***.

Skont l-ABI Research, in-numru ta' apparati konnessi mal-internet se jitla' minn 'il fuq minn 10 000 miljun fl-2015 għal 30 000 miljun fl-2020. Ir-rivoluzzjoni diġitali qed tbiddel il-mod kif ngħixu, nixtru u anke naħdmu, bi 15 % ta' dawk li jaħdmu għal rashom fl-Istati Uniti u l-pajjiżi tal-UE-15 jiggwadanjaw dħul permezz ta' pjattaformi diġitali P2P. Sadanittant, l-Ewropa qed tkompli tkun minn ta' quddiem fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, fejn bliet bħal Pariġi u Madrid qed jieħdu azzjoni sostanzjali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u pajjiżi qed jimpenjaw li jnaqqsu kemm jistgħu l-impatt ambjentali tagħhom u tal-industriji ewlenin tagħhom. Jistgħu dawn iż-żewġ tendenzi – ir-revoluzzjoni diġitali u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima – jiġu mġiegħla jikkonverġu? Tista' l-Ewropa tisfrutta l-potenzjal magħqud tagħhom u tużah għall-aħjar benefiċċju?

Bħala l-vuċi tas-soċjetà ċivili Ewropea, il-KESE għaraf kemm il-potenzjal ta' mudelli ekonomiċi ġodda kif ukoll l-isfidi soċjali u legali li għad ma ġewx esplorati u li huma jġibu magħhom. L-attività fi Brussell analizzat l-implikazzjonijiet ta' dawn il-bidliet, introduċiet dimensjoni prattika billi ġew mistiedna intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u partijiet interessati oħra biex jikkondividu l-esperjenza tagħhom u jiskambjaw l-aħjar prattika.

Ir-riżultat prinċipali ta' dan l-avveniment ser jikkontribwixxi għad-diskussjonijiet tal-Forum Globali NESI f'avveniment ta' segwitu li se ssir f'Malaga, Spanja, mid-19 sat-22 ta' April, bil-ħsieb tal-ħolqien konġunt ta' linji gwida għall-gvernijiet u n-negozji u l-ħidma lejn paradigma ġdida bbażata fuq valuri u s-salvagwardja tal-benessri tan-nies. (dm)

# Il-KESE jiċċelebra sittin sena ta' Ewropa u jħares b'mod deċiżiv lejn il-ġejjieni

Fit-13 ta' Marzu 2017, il-KESE organizza konferenza ta' livell għoli f'Ruma biex jiċċelebra s-60 anniversarju tat-Trattati kostituttivi tal-Ewropa. Il-konferenza, bit-titolu ***Sittin sena ta' Komunità Ewropea – Ejjew insawru l-ġejjieni!*** saret fil-Kamra tad-Deputati tal-Italja. Fid-diskors inawgurali tiegħu, **Georges Dassis** ddeskriva l-kisbiet ewlenin tal-Ewropa u d-diffikultajiet attwali, filwaqt li saħaq li: *"Dan is-60 anniversarju għandu jkun opportunità għal bidu ġdid – dak ta' Ewropa li tkun aktar magħquda, li tiddefendi l-kawża ta' solidarjetà u li ġenwinament taħseb dwar il-benessri taċ-ċittadini Ewropej. Il-ġejjieni għandu jkun f'idejn il-forzi tal-progress soċjali, tal-intrapriżi, tal-ħaddiema u ta' dawk kollha li jixtiequ jgħixu fil-paċi u d-dinjità. Nittama li billi jgħin isawwar il-futur tal-UE, il-KESE ser jagħmel il-parti tiegħu biex jagħmel din il-viżjoni ta' Ewropa ssir realtà"*.

Kien hemm tliet sessjonijiet ta' ħidma li matulhom ġew indirizzati s-suġġetti li ġejjin:

- *Ewropa soċjali bħala għodda biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi*
- *L-ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja għal Ewropa aktar b'saħħitha*
- *Il-politiki ta' integrazzjoni u l-immigrazzjoni*

Wara l-proċedimenti, **is-Sur Dassis** ta ħajr speċjali f'isem il-KESE lil **Dr. Pietro Bartolo**, responsabbli għas-servizzi tas-saħħa f'Lampedusa u magħruf għall-film tiegħu *Fuocammare* li rebaħ premju, għall-eżempju kbir ta' umanità muri fl-għajnuna lir-refuġjati u lill-migranti li jimbarkaw fuq ir-rotta perikoluża tal-Mediterran Ċentrali.

Fix-xhur li ġejjin, il-konklużjonijiet tal-konferenza ser ikunu l-bażi għall-ħidma tal-KESE dwar *il-White Paper dwar il-ġejjieni tal-UE.* Hemm aktar informazzjoni disponibbli dwar l-avveniment fuq: http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.events-and-activities-60-years. (dm)




# UE-Georgia: appelli sabiex jissaħħu l-libertà tal-midja u l-opportunitajiet għal xogħol indaqs

Il-Georgia għandha l-aħjar riżultati fil-qasam tal-libertà tal-midja fost il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi sabiex jiżdiedu l-kwalità, l-oġġettività u l-etika ġurnalistika, kif ukoll sabiex jiġu żgurati l-indipendenza tal-midja u s-sorsi ta' finanzjament.

Dan kien wieħed mill-messaġġi ewlenin li ħarġu mit-tieni laqgħa tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili **UE-Georgia**, li saret fis-16 ta' Frar fil-KESE. Il-pjattaforma rrakkomandat ukoll li l-Gvern tal-Georgia jintegra l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-pjani ta' azzjoni tal-gvern u jikkonsolida l-isforzi biex tiġi żgurata implimentazzjoni sħiħa tal-liġi tax-xogħol u l-istandards internazzjonali tax-xogħol.

Ir-rappreżentanti tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili evalwaw l-istat attwali fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia. Huma appellaw lill-istituzzjonijiet pubbliċi tal-Georgia biex iżidu l-kooperazzjoni interna tagħhom u lill-Istati Membri tal-UE biex jappoġġaw lill-Georgia fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni talimpjegati taċ-ċivil tagħha.

L-Ewwel Viċi Ministru tal-Istat tal-Georgia **Archil Karaulashvili** laqa' l-progress miksub mill-Georgia matul is-sena li għaddiet, iżda nnota li l-gvern "ma kellu l-ebda dritt jistrieħ, għax il-korruzzjoni ma torqodx".

"Il-Georgia kienet u tibqa' msieħeb eċċellenti għall-kooperazzjoni, u nittamaw li n-nies se jkunu jistgħu jħossu l-benefiċċji tanġibbli tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni malajr kemm jista' jkun", qal **Dirk Schübel** mis-SEAE. L-UE hija mistennija li tneħħi r-rekwiżiti tal-viża għaċ-ċittadini tal-Georgia b'passaporti bijometriċi dan ix-xahar. (mm)

QE-AA-17-003-MT-N

# Strateġija għal Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali

**mill-Grupp ta' Interessi Varji tal-KESE**

Il-KESE bħalissa qed ifassal Opinjoni intitolata **Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali**, mal-President tal-Grupp III Luca Jahier bħala relatur.

Bħala parti mill-ħidma preparatorja għal din l-opinjoni, ġiet organizzata seduta ta' smigħ fl-1 ta' Marzu sabiex jinstemgħu l-fehmiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet multilaterali u operaturi kulturali oħra. Is-seduta nfetħet mis-Sur Jahier, flimkien mal-MEPs Silvia Costa u Elmar Brok, korapporteurs għar-rapport fuq inizjattiva proprja tal-Parlament Ewropew "Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali".

Fl-abbozz ta' opinjoni tiegħu, il-KESE jitlob "… li nimxu pass 'il quddiem, minn test '*lejn* strateġija tal-UE' għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni sussegwenti ta' strateġija u pjan ta' azzjoni ċari". Il-pjan ta' azzjoni għandu jirrispondi għal erba' ħtiġijiet strutturali:

- li jipprovdi ċarezza ta' governanza fil-livell tal-UE;
- ifittex li jikkoordina u joffri għajnuna sussidjarja fil-livell tal-Istati Membri;
- jiġu ċċarati l-aspetti finanzjarji;
- u jippromovi netwerks ta' atturi kulturali interrelatati, li jirrappreżentaw soċjetà ċivili kulturali b'saħħitha.

Waqt li jikkonċedi r-rikonoxximent sħiħ tal-importanza tal-kultura għas-sostenibbiltà, il-KESE jitlob li l-kultura tkun rikonoxxuta bħala r-raba' pilastru tal-iżvilupp sostenibbli, fuq l-istess livell tal-pilastru ekonomiku, dak soċjali u dak ambjentali.

Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-kultura hija rikonoxxuta bħala pedament kruċjali għall-paċi u l-istabbiltà, u hija għalhekk ta' importanza ewlenija fit-tmexxija 'l quddiem tal-għan ewlieni tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri li 'tippromovi



il-paċi, il-valuri tagħha u l-benessri tal-popli tagħha. Għalhekk, permezz tal-abbozz ta' opinjoni tiegħu, il-KESE jistieden lill-UE, abbażi tal-esperjenza tal-Ewropa stess, biex tieħu postha bħala mexxejja globali fil-prattika, il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-paċi dinjija.

Il-parteċipanti l-oħra matul is-seduta ta' smigħ kienu l-Kunsill tal-Ewropa, l-Uffiċċju ta' Kollegament tal-UNESCO fi Brussell, l-EUNIC (Istituti Nazzjonali tal-Unjoni Ewropea għall-Kultura), il-Kumitat tar-Reġjuni, il-Kumitat għall-Kultura tal-Bliet Magħquda u l-Gvernijiet Lokali (l-Aġenda 21 għall-Kultura), il-Fondazzjoni InterARTS, Culture Action Europe u l-Fond Roberto Cimetta. (cl)

# Spjegazzjoni tal-benefiċċji reali tas-CETA: rwol importanti għan-negozju

**mill-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE**

Il-votazzjoni għas-CETA (il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv) fil-Parlament Ewropew tiftaħ kapitlu ġdid ta' relazzjonijiet eqreb bejn il-Kanada u l-UE. Madankollu, għad hemm triq kollha ntoppi, minħabba r-ratifika tal-ftehim meħtieġa fl-Istati Membri kollha tal-UE. Is-CETA huwa ftehim progressiv għal tkabbir inkluživ li jġib benefiċċji sostanzjali għall-SMEs. In-negozju għandu rwol importanti x'jaqdi fil-promozzjoni tiegħu u biex jipprovdi eżempji reali tal-benefiċċji tiegħu. Dawn kienu biss uħud mill-fehmiet espressi fid-dibattitu mal-Ambaxxatur tal-Kanada għall-UE, Daniel Costello, li



sar fil-laqgħa tat-22 ta' Jannar 2017 tal-Grupp ta' Min Iħaddem.

Kif irrimarka l-Ambaxxatur, Costello, is-CETA għandu importanza strateġika, li jippermettilna nkunu nistgħu infasslu l-ġejjieni tal-kummerċ globalizzat minflok insegwu t-tendenzi stabbiliti minn oħrajn. Huwa nnota li l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim għandha tibda fir-rebbiegħa. Dan ikun jippermetti li l-benefiċċji tiegħu jintwerew lix-xettiċi. Studju konġunt kien wera tkabbir mistenni ta' 23% fil-kummerċ bilaterali ladarba l-ftehim ikun daħal fis-seħħ b'mod sħiħ.

Fid-diskussjoni mal-membri, il-membri tal-Grupp ta' Min Iħaddem qajmu għadd ta' kwistjonijiet dwar is-CETA u l-kummerċ ħieles inġenerali. Jacek Krawczyk, il-President tal-Grupp ta' Min Iħaddem u tal-Kumitat ta' Segwitu dwar ir-Relazzjonijiet Transatlantiċi tal-KESE, ipproponа l-organizzazzjoni ta' round table konġunta dwar is-CETA għan-negozju. "Huwa ġust li jingħad li fil-kuntest globali s-CETA sar kważi simboliku bħala opportunità biex jissaħħaħ l-argument favur il-kummerċ internazzjonali b'mod ġenerali," huwa kkummenta. (jl)

# Fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tan-Nisa 2017

**minn Gabriele Bischoff, President tal-Grupp tal-Ħaddiema**

*Pagi indaqs għall-irġiel u n-nisa huwa prinċipju ewlieni tal-UE, li kien imnaqqax fit-Trattat ta' Ruma fl-1957. Hekk kif niċċelebraw is-60 anniversarju tat-Trattat, irridu niċċelebraw ukoll il-progress li sar s'issa fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi: id-drittijiet tal-maternità u t-trattament indaqs fir-rigward tal-aċċess għax-xogħol, it-taħriġ, il-promozzjonijiet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Issa iktar minn qatt qabel għandna aktar nisa fis-suq tax-xogħol u fir-rwoli tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Madankollu, il-kriżi wriet li qatt m'għandna nieħdu dawn l-avvanzi bħala fatt. Il-miżuri ta' awsterità imposti*



*matul il-kriżi fixklu l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa. Ħafna drabi kienu l-ifqar nisa u dawk l-aktar vulnerabbli li ntlaqtu bl-aktar mod sever. L-ommijiet waħidhom huma fost dawk li jinsabu fl-akbar riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali. L-ugwaljanza bejn is-sessi mhijiex biss għaż-żminijiet tajba – hija saħansitra aktar importanti meta s-soċjetajiet jinsabu taħt pressjoni. Id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa għadha sinifikanti 60 sena wara li l-prinċipju ta' paga indaqs tnaqqax fit-Trattat. Li din id-differenza tingħalaq kompletament trid tibqa' fuq quddiem nett tal-aġenda. L-Ewropa tista' biss tirnexxi jekk tirrikonoxxi u tappoġġa t-talenti ta' kulħadd. Il-ħaddiema Ewropej jeħtieġu żieda fil-pagi u aħna għandna nġeddu l-isforzi tagħna biex nIżguraw li n-nisa jieħdu s-sehem ġust tagħhom.*

Għal aktar informazzjoni dwar l-inizjattivi tal-Grupp tal-Ħaddiema fl-okkażjoni tal-Jum tan-Nisa ara: http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.group-2-news.41724

## FIL-QOSOR

### Portal ġdid tal-CESlink onlajn

Il-portal tal-CESlink jirrappreżenta l-komunità onlajn tal-Kumitati Ekonomiċi u Soċjali (KES) fl-UE u fil-KESE.

Il-portal huwa ġestit mill-KESE, u huwa punt ta' waqfa waħda għal aħbarijiet dwar inizjattivi u avvenimenti organizzati mill-KESE u l-KES. Huwa jipprovdi informazzjoni dwar il-KES u s-siti web tagħhom, inkluż direttorju tal-presidenti u s-segretarji ġenerali tagħhom. L-utenti jistgħu jsibu dokumenti maħruġa mill-KES billi jikkonsultaw il-bażi tad-data ddedikata, li tiġqħed għad-dispożizzjoni opinjonijiet, rapporti, riżoluzzjonijiet, studji, ftehimiet, bullettini u dokumenti oħra ta' interess ippubblikati mill-organizzazzjonijiet parteċipanti.

Il-portal huwa disponibbli bl-Ingliż u bil-Franċiż, u issa jipproponi wkoll feeds konġunti ta' Twitter u l-RSS, li jagħmluha aktar faċli li wieħed jinżamm aġġornat ma' żviluppi ġodda hekk kif iseħħu.

http://www.eesc.europa.eu/ceslink/en; http://www.eesc.europa.eu/ceslink/fr

### WIRJA — "AWTIŻMU"

Fit-3 ta' April 2017, is-Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza (SOC) ser torganizza dibattitu dwar l-awtiżmu, b'rabta mal-Jum Dinji għas-Sensibilizzazzjoni dwar l-Awtiżmu, fit-2 ta' April. B'rabta ma' dan id-dibattitu, il-KESE qed jorganizza wirja ta' ritratti dwar l-awtiżmu fi sħubija ma' Autism Europe, organizzazzjoni li l-għan ewlieni tagħha huwa li tmexxi 'l quddiem id-drittijiet tal-persuni awtistiċi u li tgħinhom itejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom. Il-wirja tinkludi ritratti minn tliet fotografi mir-Renju Unit (Graham Miller), il-Polonja (Michał Awin) u l-Lussemburgu (Andre Weisgerber), kif ukoll xi ritratti minn żgħażagħ awtistiċi artisti mill-Iskozja.




Il-wirja se tibqa' għaddejja sal-21 ta' April 2017 fil-bini JDE, Foyer 6. (jp)

### *PASSAGE INTO HISTORY*

### Nemea l-Antika u l-Logħob Nemean

*"…. U hemm, f'tarf il-mina, il-mument tant mistenni: il-pass għal ġol-istorja. B'mod tassew personali, wieħed isegwi l-vjaġġ tal-istorja u jitlef kull sens ta' età, nazzjonalità, razza jew kulur u jsib ruħu f'mument kemm instantanju kif ukoll etern."*




Nemea kien il-post fejn kienu jseħħu kompetizzjonijiet sportivi famużi bħal-Logħob Olimpiku, u huwa msemmi fil-mit ta' Erkole u l-iljun. Il-film jirrakkonta l-istorja ta' sit arkeoloġiku abbandunat, logħob antik minsi – u Dr Stephen Miller. Hekk kif niskopru dan iċ-ċentru affaxxinanti tal-atletika u r-reliġjon tal-Greċja l-Antika minn għajnejn Dr Miller, nies mid-dinja kollha jkunu qed jinġabru għall-qawmien mill-ġdid tal-Logħob Nemean. Insegwu l-esperjenza unika tagħhom ta' "pass għal ġol-istorja".

Il-film ser jintwera fid-29 ta' Marzu 2017 fis-7 p.m. fl-Atrium 6, segwit minn sessjoni Q&A mas-Sinjura Tachmintzis, koproduttur tal-film. (jp)

*Il-KESE Info* hija disponibbli wkoll bi 23 lingwa f'verżjoni PDF mis-sit tal-internet tal-Kumitat: http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.eesc-info

**Editur:**
Alun Jones (kap editur)
Daniela Marangoni (dm)

**Il-kontributuri għal din l-edizzjoni huma:**
Chloé Lahousse (cl)
Daniela Marangoni (dm)
Jonna Pedersen (jp)
Karin Füssl (kf)
Katerina Serifi (ks)
Leszek Jarosz (lj)
Margarita Gavanas (mg)
Milen Minchev (mm)
Silvia M. Aumair (sma)
Valeria Atzori (va)

**Koordinazzjoni globali:**
Daniela Marangoni (dm)
Katerina Serifi (ks)

**Edizzjoni magħluqa fl-14 ta' Marzu 2017**

**Indirizz:**
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard,
B-1040 Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.94.76
Faks (+32 2) 546.97.64
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu
Internet: http://www.eesc.europa.eu/

Il-KESE Info tiġi ppubblikata disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE.

Il-verżjonijiet stampati tal-KESE Info bil-Ġermaniż, l-Ingliż u l-Franċiż jistgħu jinkisbu b'xejn mis-servizz tal-Istampa tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Il-KESE Info hija disponibbli wkoll bi 23 lingwa f'verżjoni PDF mis-sit tal-internet tal-Kumitat:

URL: http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.eesc-info

Il-KESE Info ma tistax titqies bħala r-rapport uffiċjali tal-ħidmiet tal-KESE; għal dawn, jekk jogħġbok irreferi għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew għal pubblikazzjonijiet oħrajn tal-Kumitat.

Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk KESE Info titniżżel bħala s-sors u tintbagħat kopja lill-editur.

Numru ta' kopji stampati: 6500 kopja.
Ħarġa li jmiss: April 2017
STAMPATA FUQ KARTA RIĊIKLATA 100 %

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet